MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2013

Numru. 453/2013

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**
**VALERIU PILEANDRA**
**MARINEL PILEANDRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Valeriu Pileandra, bin Aurel u Marioara nee' Chiriac, mwieled 8 ta' Ottubru 1984 Romanija, residenti Flat 2, Nina's Apartments, Triq l- Istasija, Ibragg, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita' Rumena GL 634917;

U

Marinel Pileandra, bin Aurel u Marioara nee' Chiriac, mwieled 21 ta' Dicembru 1985 Romanija, residenti Flat 1, Seahorse Apartments, Triq Luqa Briffa, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita' Rumena GL 830844;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Iil Valeriu Pileandra wahdu talli f’ dawn il- Gzejjer fil- 11 ta’ Mejju 2013 ghal habta tal- 3.40am minn San Giljan u/jew mill- vicinanzi, ikkommetta serq ta’ mowbajl ‘phone’ tal- ghamla ‘Apple Iphone 5’, liema serq huwa aggravat bl- ammont (aktar minn €232.94 anqas minn €2,329.37) u bil- hin ghad- dannu ta’ Martin Krasimirov Krastev;

2) Iil Marinel Pileandra wahdu talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kien komplici wara li b’ xi mod li jkun, xjentament ghen jew assista lill- awtur tad- delitt u cioe’ lil Valeriu Pileandra f’ atti li bihom id- delitt gie ipprepara jew ikkunsmat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u l-kawza setghet titmexxa sommarjament;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 261(b)(f), 267, 270 u 279 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------